31980R3475

31.12.1980 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 363/69

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3475/80
## tat-30 ta' Diċembru 1980
## li jemenda diversi Regolamenti fis-setturi taz-zokkor u l-isoglukosju bħala riżultat ta' l-adeżjoni tal-Greċja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u partikolarment l-Artikolu 146 tiegħu,

Billi, taħt l-Artikolu 22 ta' l-Att, diversi Regolamenti dwar iz-zokkor u l-isoglukosju għandhom jiġu adattati in konformità mal-linji gwida stabbiliti fl-Anness II ta' l-Att; billi, barra minn hekk, adattamenti għal Regolamenti mhux inklużi fl-Att jew fl-Annessi tiegħu għandhom isiru skond l-Artikolu 146 ta' l-Att; billi dawk l-adattamenti jirrelataw biss għal supplimenti lingwistiċi u limiti ta' żmien imsemmija:

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 100/72 ta' l-14 ta' Jannar 1972 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar iż-żnaturar ta' zokkor għal għalf ta' l-annimali [1], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2847/72 [2],

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2782/76 tas-17 ta' Novembru 1976 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni għall-importazzjoni ta' zokkor preferenzjali [3],

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2990/76 tad-9 ta' Diċembru 1976 dwar regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta'importazzjoni u esportazzjoni għal zokkor [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1367/78 [5],

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1470/77 tat-30 ta' Ġunju 1977 dwar regoli dettaljati speċjali għas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni għal isoglukosju u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 193/75 [6], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1630/79 [7],

(1) ĠU L 12, tal-15.1.1972, p. 15.
(2) ĠU L 299, tal-31.12.1972, p. 4.
(3) ĠU L 318, tat-18.11.1976, p. 13.
(4) ĠU L 341, ta' l-10.12.1976, p. 14.
(5) ĠU L 166, tat-23.6.1978, p. 24.
(6) ĠU L 162, ta' l-1.7.1977, p. 11.
(7) ĠU L 190, tat-28.7.1979, p. 38.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 100/72 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 16 (3) u (4) huma sostitwiti bil-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-limitu ta' żmien speċifikat f' dan ir-Regolament għandu jikkorispondi għall-ħin Belġjan.";

(b) il-kliem "μετουσιωμένη ζάχαρη" huwa miżjud ma' l-Artikolu 25 (1)..

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2782/76 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "ἐφαρμυγή τοῦ κανονισμοῦ (ΕΟΚ) ἀριθ 2782/76" huwa miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6 (1);

(b) il-kliem "ἐφαρμογή τοῦ κανονισμοῦ (ΕΟΚ) ἀριθ. 2782/76" huwa miżjud ma' l-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7 (2).

*Artikolu 3*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2990/76 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem — "κανονισμός διαγωνισμοῦ (ΕΟΚ) ἀριθ. … (ΕΕ ἀριθ. … τῆς …) προθεσμία παρουσιάσεως τῶν προσφορῶν ἐκπνέουσα τὴν" huwa miżjud ma' l-Artikolu 2 (2);

(b) il-kliem — "ἐφαρμοζόμενο ὕψος ἐπιστροφής: …" huwa miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2 (3);

(ċ) il-kliem — "ἐφαρμοζόμενο ὕψος εἰσφορᾶς κατά τὴν ἐξαγωγή: …" huwa miżjud ma' l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 2 (3);

(d) il-kliem — "πρός ἐξαγωγή σύμφωνα μέ τό ἄρθρο 26 παράγραφος 1 τοῦ κανονισμοῦ (ΕΟΚ) ἀριθ. 3330/74" huwa miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3 (1);

(e) il-kliem — "πρός ἐξαγωγή χωρίς ἐπιστροφή ἢ εἰσφορά πιστοποιητικό ἰσχύον εἰς: … (Κράτος μέλος)" huwa miżjud ma' l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 3 (1);

(f) il-kliem — "προτιμησιακή ζάχαρη (κανονισμός (ΕΟΚ) άριθ 2782/76)" huwa miżjud ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6;

(g) il-kliem — "EX/IM, άρθρο 25, άδηγίας ένεργητικής τελειοποιήσεως — πιστοποιητικό ίσχύον είς …(Κράτος μέλος έκδόσεως)" huwa miżjud ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 10 (2).

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (KEE) Nru 1470/77 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-kliem — "πρός έξαγωγή σύμφωνα μέ τό άρθρο 9 παράγραφος 7 τοϋ κανονισμοϋ (ΕΟΚ) άριθ. 1111/77" huwa miżjud ma' l-Artikolu 5a (1);

(b) il-kliem — "πρός έξαγωγή χωρίς έπιστροφή πιστοποιητικό ίσχύον είς (Κράτος μέλος)" huwa miżjud mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5a (2)

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Diċembru 1980.

*Għall-Kummissjoni*

Finn GUNDELACH

*Viċi-President*